

32001R1609

7.8.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 212/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1609/2001**tas-6 ta' Awissu 2001**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, u li jistabbilixxi kodiċi ta' prattika enoloġika komuni tal-Komunità dwar metodi ta' analiżi.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju, 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2826/2000⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 46 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 885/2001⁽⁴⁾, iżomm fis-seħħ ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2676/90 tas-17 ta' Settembru, 1990, li jistabbilixxi l-metodi tal-Komunità għall-analiżi ta' nbejjed⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 761/1999⁽⁶⁾, b'eċċezzjoni tal-metodi tas-soltu li mhux ser jibqgħu ikunu deskritti aktar mill-1 ta' Awissu, 2001.
- (2) Diversi metodi tas-soltu ta' analiżi jintużaw normalment mill-laboratorji ta' kontroll ta' l-Istati Membri u l-preċiżjoni u l-eżattezza tagħhom, stabbilita permezz ta' studji analitiċi kollaborattivi, jidhru li huma l-istess bħal dawk tal-metodi ta' riferenza ta' analiżi tar-Regolament (KEE) Nru 2676/90. Barra dan, l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Għeneb u Nbid għamel studju ta' validazzjoni ta' xi wħud minn dawn il-metodi bil-għan li jkunu rikonoxxuti

bħala metodi ta' riferenza. Din ir-reviżjoni tal-validità tal-metodi tas-soltu jeħtiġilha sentejn oħra ta' studju, li matulhom huwa rakkomandat li l-metodi jibqgħu kif deskritti fir-Regolament (KEE) Nru 2676/90.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1622/2000 għandu għalhekk ikun emendat biex ikun hemm posponiment ta' sentejn tar-revoka tal-metodi tas-soltu deskritti fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2676/90.
- (4) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-data ta' l-1 ta' Awissu, 2001, fl-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1622/2000, għandha tkun sostitwita bl-1 ta' Awissu, 2003.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu japplika mill-1 ta' Awissu, 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-6 ta' Awissu, 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 194, tal-31.7.2000, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 128, ta' l-10.5.2001, p. 54.

⁽⁵⁾ ĠU L 272, tat-3.10.1990, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 99, ta' l-14.4.1999, p. 4.